**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 8 ta' Jannar, 2016**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Carmelina Mangion**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Carmelina Mangion detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 296274M akkuzata talli nhar it-2 ta' Mejju, 2015, Blk E, Ent B, Flat 3, Triq Ganni Bonnici, Haz-Zebbug:

Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' zewgha George Bruce Mangion f' periklu car, ikkagunat griehi ta' natura gravi, hekk kif iccertifika Dr Daniel McKean MD;

U aktar talli nhar is-7 ta' Dicembru, 2014 gewwa Blk E, Ent B, Flat 3, Triq Ganni Bonnici, Haz-Zebbug minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' zewgha George Bruce Mangion, f' periklu car, ikkagunat griehi ta' natura hafifa, hekk kif iccertifika Dr. David Fenech MD;

U aktar talli f' April, 2015, gewwa Blk E, Ent B, Flat 3, Triq Ganni Bonnici, Haz-Zebbug volontarjament ghamlet hsara li tammonta ghal inqas minn mija u sittax –il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda ghal iktar minn tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) u dan ghad-dannu ta' zewgha George Bruce Mangion.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 8 ta' Jannar, 2016 (esebit a fol. 26 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Rat li l-feriti allegatament sofferti mill-Parte Civile huma a tenur tal-Art. 216 u mhux 218 skond kif dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur, kif ukoll il-fatt li l-Parte Civile ddikjara li ma riedx jixhed fil-proceduri peress li l-imputata kienet martu u anke minhabba l-possibilta li seta' jinkrimina ruhu.

Ghal dawn il-motivi u peress li l-akkuza kif dedotta ma tirrizultax pruvata sal-grad rikjest mill-ligi l-Qorti tiddikjara lill-istess imputata mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha minnhom.

**MAGISTRAT**